**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**v**

**MARTIN VELLA**

**Illum, 21 ta' Jannar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN VELLA** ta' tmienja w tletin sena bin Joseph u Benigma nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Dicembru, 1962 u joqghod 114, Flat 7, Triq x-Xatt, Paola, detentur tal-karta tal-identita numru 745562M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul dawn l-ahhar snin qabel l-erbgha ta' Lulju, 2001 fir-Rabat jew fi bnadi ohra, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe karozza tal-ghamla Volgswagen Corrado li kellha numru ta' registrazzjoni 0-0700 M liema karozza hija stmata li tiswa aktar minn elf lira maltin, li giet mehuda b'qerq,

jew akkwistata b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex jbiegha jew jmexxiha u dan ghad-dannu ta' Francis Said jew ta' terzi persuni.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hmistax ta' Novembru, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja fin-nuqqas f'oggezzjoni da parti tal-imputat.

Rat li fis-seduta tal-erbgha ta' Dicembru, 2001 l-imputat ddikjara li m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lil imputat jammetta l-akkuza kif registrat fl-atti fit-tnax ta' Ottubru, 2001 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta' ricettazzjoni kif previst fl-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, il-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi qabel ma ghaddiet biex taghti l-piena.

Fl-ewwel lok, l-imputat, li llum ghandu disgha w tletin sena, ghandu fedina penali relattivament nadifa salv ghal reat wiehed li sar fl-1995, liema reat jikkoncerna ksur tal-Kapitolu tal-Ordinanza tat-Traffiku, fejn kien gie misjub hati talli ghamel jew ippermetta l-uzu tal-vettura I-0662 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija sabiex tintuza fit-triq.  Illi dan r-reat huwa wiehed ta' portata zghira u ghalhekk in linea mas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Lulju, 1989*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Camilleri u Joseph Camilleri,** l-imputat ma jistax jigi trattat daqs li kienu kien xi kriminali *per professione*.

Fit-tieni lok, dwar l-ammissjoni bikrija tal-imuptat ghal akkuza, il-Qorti tghid li l-ammissjoni kienet bikrija ghaliex tirrizulta mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lil Pulizija Ezekuttiva nhar l-hamsa ta' Lulju, 2001 w in oltre jumejn qabel l-istess imputat, ghalkemm imwissi li setgha jaghzel li ma jixhidx jekk jahseb li jinkrimina ruhu, xorta wahda xehed u ammetta l-pussess tal-vettura; anzi spjiega l-provenjenza taghha.

Fit-tielet lok, l-ammissjoni  tal-imputat ghenet sabiex il-kaz jigi deciz kemm jista jkun malajr u minghajr spejjes inutili ghal pubbliku.

Fir-raba lok, il-vettura tinsab esibita fl-atti u peress li din tista tigi konfiskata f'kaz li jirrizulta li hemm drittijiet legittimi ta' terzi fuqha, il-Qorti tkun f'posizzjoni li tirrilaxxjha u b'hekk ma jkunx hemm minn sofra danni monetarji.

Il-Qorti thoss li dan ma hux kaz ta' piena karcerarja ghaliex jekk jigi mitfuh l-habs, liema ambjent kulhadd jaf xi jfisser u x'jinvolvi, dan jista jservi aktar ta' detriment milli ta' gid ghalih bhala membru tas-socjeta.

Huwa ddispjacih talli ghamel, liema dispjacir jidher li huwa sincier.

Ghalhekk l-piena karacerarja mhux ser sservi ghal ebda skop u ma hux fl-interess tal-imputat u wisq inqas tas-socjeta in generali li taghha huwa membru.

Il-Qorti lanqas ma thoss li jezistu c-cirkostanzi sabiex jigi akkordat il-beneficcju ta' l-Att tal 1957 ghaliex ma jirrizultax li l-imputat qabad xi triq hazina u baqa sejjer biha.  Kien incident wiehed biss isolat u ghalhekk thoss li l-piena idoneja fic-cirkostanzi ghandha tkun wahda ta' multa.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 334, 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lil imputat MARTIN VELLA ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin.**

**Dwar t-talba tal-Avukat Generali sabiex il-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' esperti nominati, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Farrugia fejn kien gie deciz li spejjes inkorsi ma hatra ta' esperti fl-inkjesta ma jigux addebitati lil imputat f'kumpilazzjoni w ghalhekk in linea mal-istess, qed tichad tali talba.**

**Illi oltre dan qed tordna l-konfiska tal-vettura Volgswagen Corrado bin-numru ta' registrazzjoni 0-0700 M esibita fl-atti mill-Ispettur David Saliba fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru, 2001 bhala dokument DS 4, liema vettura ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**